

Brussell, 20 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7154/26

COPS 142
CIVCOM 58
COEST 201
PSC DEC 8
CFSP/PESC 371
CSDP/PSDC 152
JAI 320
CSC 171
EUMM GEORGIA 1
RELEX 338

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia) (EUMM Georgia/1/2026)

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2026/...

ta' ...

**li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni
ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia)
(EUMM Georgia/1/2026)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/452/PESK tat-12 ta' Awwissu 2010 dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia, EUMM Georgia¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tagħha,

¹ ĠU L 213, 13.8.2010, p. 43, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2010/452/oj>.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 10(1) tad-Deċiżjoni 2010/452/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tat-Trattat, li jjeħu d-deċiżjonijiet rilevanti bl-għan li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia), inkluż id-deċiżjoni li jaħtar Kap tal-Missjoni, fuq proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli").
- (2) Fis-26 ta' Marzu 2024, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1032², li taħtar lis-Sa Bettina BOUGHANI bħala Kap tal-Missjoni ta' EUMM Georgia mill-1 ta' April 2024 sal-14 ta' Diċembru 2024.
- (3) Fit-2 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2988³, li estendiet il-mandat ta' EUMM Georgia sal-14 ta' Diċembru 2026.

² Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2024/1032 tas-26 ta' Marzu 2024 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia) (EUMM GEORGIA/1/2024) (ĠU L, 2024/1032, 2.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1032/oj>).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2988 tal-2 ta' Diċembru 2024 li temenda d-Deċiżjoni 2010/452/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia, EUMM Georgia (ĠU L, 2024/2988, 3.12.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2988/oj>).

- (4) Fl-10 ta' Diċembru 2024, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/3155⁴, li testendi l-mandat tas-Sa Bettina BOUGHANI bħala Kap tal-Missjoni ta' EUMM Georgia mill-15 ta' Diċembru 2024 sal-14 ta' Diċembru 2025.
- (5) Fit-2 ta' Diċembru 2025, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/2495⁵, li testendi l-mandat tas-Sa Bettina BOUGHANI bħala Kap tal-Missjoni ta' EUMM Georgia mill-15 ta' Diċembru 2025 sal-31 ta' Marzu 2026.
- (6) Fis-27 ta' Frar 2026, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà pproponiet li l-mandat tas-Sa Bettina BOUGHANI bħala Kap tal-Missjoni ta' EUMM Georgia jgħi estiż mill-1 ta' April 2026 sal-14 ta' Diċembru 2026,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2024/3155 tal-10 ta' Diċembru 2024 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia/2/2024) (ĠU L, 2024/3155, 12.12.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/3155/oj>).

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2025/2495 tat-2 ta' Diċembru 2025 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia) (EUMM Georgia/1/2025) (ĠU L, 2025/2495, 5.12.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2495/oj>).

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sa Bettina BOUGHANI bħala Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia) huwa estiż mill-1 ta' April 2026 sal-14 ta' Diċembru 2026.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President
